MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1609/2002/1

**Jurgen Brammer**

**vs**

**Nazzareno *sive* Ronnie Zammit ezercenti fil-kummerc bhala Ronnies Marine Centre**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta’ Dicembru, 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ Lulju 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm960 (disa` mija u sittin Lira Maltin) bhala danni sofferti mill-attur kawza ta’ negligenza fl-ezekuzzjoni ta’ xoghol li l-konvenut ghamel fuq dghajsa ta’ l-attur.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ disa` mija u sittin Lira Maltin (Lm960) jew somma verjuri, rapprezentanti danni sofferti mill-attur kawza ta’ negligenza u imperizja fl-esekuzzjoni ta’ xoghol li l-konvenut ghamel fuq dghajsa ta’ l-attur, fuq inkarigu ta’ l-istess attur;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-kovenut mhux responsabbli ghall-kwalunque danni li talvolta seta sofra l-attur u dan kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici tikkoncerna premessi bbazati fuq nuqqas tal-konvenut fl-espletar ta’ inkarigu lilu mghoti mill-attur, u tali nuqqas ikkaguna dannu. Allura l-attur jrid jipprova n-nexus danneggjatorju fejn l-azzjoni u/jew nuqqas ta’ azzjoni u li konsegwiment peggjoratorju fil-partimonju attrici.

L-allegazzjoni attrici hija ribatuta mill-konvenut. In vista li hija materja teknika, l-attur ipproduca espert ‘ex parte’ li esibixxa certifikat u kkonfermah seduta stante. Li huwa illuminarju huwa l-kontro-ezami tal-istess surveyor Joseph Amato a Fol, 114 et seq. Ibbaza ruhu fuq dak li qallu l-istess attur minghajr ebda verifika. Anzi stqarr li fuq filters ma jifhimx. Paul Bellizzi – il-fornitur tal-filter – stqarr li mexa skond il-procedura debita u l-manwali provduti.

Illi l-pretenzjoni attrici ghar-risarciment ta’ danni huwa essenzjalment allacjat ma’ kagun ta’ tort. Biex il-persuna

tkun responsabbli irid jigi ppruvat it-tort ta’ din il-persuna fl-esekuzzjoni tal-inkarigu lilu mghoti. Fin-nuqqas ta’ prova anke jekk mhux skjaccanti izda fuq bazi ta’ probabilita`; l-azzjoni attrici ma tkunx tista’ tirnexxi.

L-oneru tal-prova jingombi fuq min jallega. Jekk dan l-oneru ma jigix skagunat minnu, l-azzjoni tieghu ma tkun tista’ tirnexxi. Fil-kaz odjern, l-attur naqas li jippruvah u ghalhekk it-talba tieghu ma tistax tigi akkolta.

Jiddeciedi billi jichad it-talba attrici, jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, bl-ispejjes kontra l-istess attur.”

Kontra din is-sentenza appella l-attur bl-aggravju illi t-Tribunal ma kienx korrett meta ddecieda illi hu naqas li jipprova t-tort tal-konvenut *nomine* ghall-hsara li hu ssubixxa. Jissottometti inoltre illi lanqas ma kien korrett it-Tribunal fejn irritjena li l-attur ried jipprova n-nuqqas tal-konvenut. Isostni f’ dan il-kuntest illi gjaladarba pprova certi fatti li baqghu mhux kontradetti kien jinkombi unikament fuq il-konvenut li jipprova li hu bl-ebda mod ma kien responsabbli ghad-danni denunzjati;

Fil-qosor, jirrizulta mill-atti istruttorji tal-kaz illi l-attur inkariga lill-konvenut biex jaghmillu xoghlijiet ta’ tiswija fil-makna tas-*sailing boat* tieghu. Il-mekkanik Joseph Zaffarese inkarigat mill-konvenut ezamina l-makna u ddecieda li l-gwast fiha kien gej mill-*filter*, li skond hu ma kienx dak orginali (Volvo Penta) ghal dak it-tip ta’ makna. Huwa ghalhekk ha l-*part number* tieghu u wara li saret id-debita ricerka fil-manwali instab li l-ekwivalenti ghal dak il-*filter* kien wiehed tal-marka Bosch. Dan inxtara minghand l-agent lokali ta’ din id-ditta u gie installat fil-makna tal-*yacht*. Successivament, meta l-attur kien fi Sqallija u gie biex jixghel il-makna ntebah li kien hemm malfunzjonament u meta ccekkja l-“*motor area*” sab li “*everywhere was covered in oil and the oil filter of the motor at the bottom*” (ara Affidavit tieghu a fol. 8). Minhabba dan l-attur kien kostrett jaghmel riparazzjonijiet

fi Sqallija ghal liema qed jippretendi r-rimbors minghand l-konvenut *nomine* flimkien ma' danni ohra;

Irid jinghad illi skond mart l-attur "*the Bosch filter put on by Ronnies Marine Centre was nearly one millimetre bigger*" u li dan kien il-kagun tad-dannu (ara Affidavit taghha a fol. 5). Dan hu kkonfermat ukoll minn Joseph Amato, inginjier marittimu, inkarigat bhala espert mill-attur (ara rapport tieghu a fol. 50). Fih jghid illi "*a considerable difference in the thread fitting the Bosch oil filter to the filter now fitted on the engine which is a genuine Volvo oil filter was observed by the undersigned, and this could have never kept the Bosch filter in its properly tightened position.*" Aktar 'il quddiem pero` in kontro-ezami dan ix-xhud jghid li hu ma kienx espert fit-tip ta' makni bhal dik installata fuq il-*yacht*;

Minn naha tieghu, il-konvenut jikkontendi li l-*filter* mixtri u installat kien jaqbel perfettament ma' dak li kellu l-attur fil-*yacht* tieghu. Bazat fuq l-esperjenza tieghu huwa mbaghad jipprovdi b' raguni ghal dak li gara li r-*release valve* gie "*over pressurized*" u spara l-*filter.* Jissottometti ukoll illi kieku l-*filter* installat mill-mekkanik tieghu ma kienx jaqbel l-*oil filter* kien jispara mill-ewwel hekk kif appena tigi startjata l-makna;

Fermi dawn il-provi, huwa ben maghruf illi min jinkariga ruhu minn xoghol jew prestazzjoni ta' servizz ghandu fit-twettiq taghhom jezegwihom skond il-mudell konswet ta' dik id-diligenza tal-*bonus pater familias* li jippreciza l-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili, u b' mod li, b' dak l-istess adempiment tieghu, jevita li jarreka dannu fil-proprjeta` ta' min hekk ikun ikkummissjonah. Jekk jonqos minn dan id-dover ikollu jwiegeb ghad-danni talvolta rizultanti;

Issa in tema ta' prova ta' l-inadempiment ta' l-obbligazzjoni, u dan ighodd ukoll ghal kaz ta' adempiment

inezatt u mhux skond l-arti u s-sengha, l-attur li jagixxi ghar-rizarciment tad-danni jehtieglu jipprova, oltre l-ftehim negozjali intervenut, l-allegazzjoni ta' l-inadempiment jew ta' l-inezattezza ta' l-adempiment mill-kontroparti citat. Jibbasta f' dan ir-rigward li jiddemostra n-nuqqas ta' osservanza ta' l-obbligu tad-diligenza surreferit jew id-difformita` kwalitativa ta' xi oggett li l-kontroparti tkun utilizzat fil-kors ta' l-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu lilha affidat. Inversament, il-konvenut hu f' kazijiet konsimili mghobbi bil-piz tal-prova tal-fatt estintiv tal-pretensjoni ta' l-attur billi jgib 'il quddiem fatti u provi li l-adempiment sar, u li l-prestazzjoni giet espletata skond ir-regoli ta' l-arti teknika;

Wara li ezaminat il-provi *hinc inde* prodotti l-Qorti thoss li ghandha tadotta din il-konkluzjoni. Huwa fatt accertat illi l-*filter* installat mill-konvenut inqala' minn postu u waqa' fil-*bilges* tal-makna. Eskluz li kien hemm manumissjoni mill-attur wara li gie installat, il-probabilita` hi li l-*filter* jew ma kienx imqieghed sew jew tabilhaqq ma kienx adattat ghal dik it-tip ta' makna. Anke in assenza ta' perizja teknika, jew ukoll kieku kellha ma tammettix x-xhieda ta' Joseph Amato, din il-Qorti ssibha difficli fic-cirkostanzi biex ma taccettax bhala possibbli u verosimili l-allegazzjoni centrali ta' l-attur appellant illi l-kawza tad-danni kien il-konsegwenza ta' inadempjenza jew adempiment inezatt tal-konvenut. Zgur ma jistax jigi accettat dak suggerit mill-konvenut illi fil-fehma tieghu l-makna thaddmet bla zejt (ara Affidavit tieghu a fol. 95) in kwantu kien l-impjegat tieghu li barra li bidel il-part (il-*filter*), bidel ukoll iz-zejt tal-makna (ara Affidavit ta' Joseph Zaffarese, fol. 92). Kif lanqas ma tista', bir-rispett kollu dovut ghall-gharfien certament espert tal-konvenut, illi taccetta bhala sagrosanti u validi, kongetturi u supposizzjonijiet ta' dak li seta' gara, imma li effettivament, u fil-konkret, mill-provi ma jirrizultawx;

Stabbilit dan, pressupost generali tar-responsabilita` kontrattwali hi l-kolpa. Din il-kolpa jew responsabilita` kontrattwali hi fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-konvenut, *qua* obbligat, kellu favur l-attur. F' dan il-kaz il-kolpa addebitata lill-konvenut hi intrinsika

ma' l-ezekuzzjoni ta' l-obligazzjoni taht ix-xoghol ta' tiswija. Kolpa din li dwarha, fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, il-konvenut ma rnexxielux igib prova liberatorja ta' l-inadempiment imputat lilu mill-attur appellanti. Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha il-Qorti qed tiddiskosta ruhha ghal kollox mir-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal;

Kwantu ghad-danni, l-ezistenza u l-entita` taghhom tispetta lill-attur. Jirrizulta li dan qed jippretendi r-rimbors ta' l-ispejjez diretti biex saru r-riparazzjonijiet necessarji fi Sqallija u nefqa ohra relatata - b' kollox disa' mija u wiehed u sebghin lira Lm971) - skond l-elenku taghhom a fol. 36, kif ukoll danni konsegwenzjali fl-ammont ta' hames mija u disgha u erbghin lira, disgha u hamsin centezmu (LM549.59) hlas ta' *insurance* u permanenza fil-marina ta' Monastir fit-Tunezija (fol. 31). Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi d-danni hekk reklamati ghandhom jigu moderati billi mhix konvinta ghal kollox illi dawn l-ahhar irjus ta' danni huma ta' bilfors l-konsegwenza diretta ta' l-inadempjenza fil-konvenut. Fic-cirkustanzi thoss li ghandha tillikwida dawn id-danni limitatament fis-somma ta' disa' mija u wiehed u sebghin lira (Lm971).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur f' danni subiti s-somma ta' disa' mija u wiehed u sebghin lira Maltija (Lm971) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jitbatew kwart (1/4) mill-attur u tliet kwarti (3/4) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------